



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0049(COD)

6896/23
ADD 5

ENT 38
MI 144
COMPET 151
IND 75
CHIMIE 14
AGRILEG 31
ENV 182
IA 33
CODEC 270

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 50 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 50 final.

Mehmuż: SWD(2023) 50 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2023
SWD(2023) 50 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali għall-prodotti
fertilizzanti tal-UE

{COM(2023) 98 final} - {SEC(2023) 99 final} - {SWD(2023) 48 final} -
{SWD(2023) 49 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 dwar il-Prodotti Fertilizzanti tal-UE
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti (FPR) japplika mis-16 ta' Lulju 2022 u jistabbilixxi regoli dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq intern. FI-UE, il-manifatturi tal-prodotti fertilizzanti jistgħu jagħżlu liberament li jew iqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq bħala "prodotti armonizzati" (prodotti li jikkonformaw mal-FPR), u dawn il-prodotti jiċċaqilqu liberament fis-suq intern; jew bħala "prodotti mhux armonizzati" (prodotti li jikkonformaw mar-regoli nazzjonali applikabbli f'kull pajjiż tal-UE). Din il-valutazzjoni tal-impatt tikkonċerna d-diġitalizzazzjoni tat-tikkettar tal-prodotti fertilizzanti tal-UE (jiġifieri mqiegħda fis-suq skont l-FPR). Skont l-FPR, ir-rekwiżiti tat-tikkettar, meta mqabbla mar-Regolament preċedenti, żdiedu sostanzjalment. Lanqas ma hemm regoli dwar id-diġitalizzazzjoni volontarja tat-tikketti, u għalhekk ma hemm l-ebda standard minimu sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni, li bħalissa qiegħda tiġi pprovduta b'mod diġitali fuq bażi volontarja. Dawn il-kwistjonijiet iwasslu għall-ewwel problema, jiġifieri li t-tikketti fuq il-prodotti fertilizzanti tal-UE huma diffiċli biex jinqraw mill-utenti. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti estensivi tat-tikkettar skont l-FPR jieħdu ħafna spazju, li jista' jservi bħala ostaklu għall-moviment liberu effettiv tal-prodotti, peress li hemm bżonn ta' spazju konsiderevoli għat-tikketti sabiex jiġu akkomodati tikketti b'diversi lingwi. Barra minn hekk, xi informazzjoni dwar it-tikkettar tinbidel ta' spiss. Pereżempju, għall-fertilizzanti organiċi, il-kontenut tad-diversi forom ta' nutrijenti jista' jvarja minn lott għal ieħor, skont il-kwalità tal-materjali tal-input użati. Barra minn hekk, fi ħdan l-industrija, xi operatori ekonomiċi jerġgħu jagħmlu t-tikketti qabel ma l-prodott jasal għand l-utenti finali, minħabba li l-prodotti jew jiġiġalltu, jiġu imballati mill-ġdid jew jiġu kkategorizzati mill-ġdid. B'mod parallel, il-prodotti mibjugħa bl-ingrossa jeħtieġu fuljetti personalizzati għal kull klijent, li jinvolvu piż amministrattiv mhux ġustifikat, anke minħabba n-natura speċifika tal-bejgħ bl-ingrossa. Dawn il-kwistjonijiet iwasslu għat-tieni problema, jiġifieri t-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE huma diffiċli sabiex jiġu mmaniġġati mill-manifatturi.
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva għandha tgħin sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, għas-sikurezza u għall-ambjent, kif ukoll sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern fil-prodotti fertilizzanti permezz tal-allinjament tar-regoli madwar l-EU-27. B'mod aktar speċifiku, din l-inizjattiva għandha ttejjeb il-leġġibbiltà tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u tgħin lill-operatori ekonomiċi jimmaniġġaw it-tikketti kif suppost.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Il-pajjiżi tal-UE jistgħu jindirizzaw parti mill-problema fil-livell nazzjonali, billi jadottaw ir-regoli tagħhom stess dwar l-istandards minimi għad-diġitalizzazzjoni tat-tikketti, minħabba li din il-kwistjoni għadha ma hijiex koperta fl-FPR innifsu. Madankollu, dan ma jindirizzax l-ewwel problema identifikata, peress li l-istess informazzjoni tiġi pprovduta fuq it-tikketti fiżiċi, mingħajr l-ebda bidla. Approċċ bħal dan iwassal b'mod inevitabbli għal prattiki differenti madwar l-UE kollha u joħloq ostakli għall-funzjonament tas-suq intern. Dan jista' jwassal għal inugwaljanzi f'termini ta' ffrankar potenzjali tal-kostijiet u komunikazzjoni tal-informazzjoni. Dan iżid ukoll il-kostijiet għall-industrija, billi jkollu jadatta għal rekwiżiti diverġenti ta' tikkettar diġitali f'pajjiżi differenti tal-UE. B'kuntrastrast ma' dan, l-introduzzjoni tal-kundizzjonijiet għat-tikketta diġitali fil-livell tal-UE għandha l-valur miżjud li tallinja d-diversi prattiki. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti, din l-inizjattiva ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tiżgura l-istandard għoli ta' protezzjoni mitlub mill-FPR. Il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE jinsab ukoll fl-eżistenza ta' ekonomiji ta' skala potenzjali fl-industrija tal-prodotti fertilizzanti. L-allinjament tar-rekwiżiti tat-tikkettar diġitali madwar l-UE jista' jiffaċilita l-użu ta' tikketti multilingwi, u

b'hekk jappoġġa d-distribuzzjoni ta' prodotti bl-istess tikketta f'aktar minn pajjiż wieħed tal-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet sabiex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Minbarra x-xenarju ta' referenza tal-ebda azzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika tliet għażliet ta' politika (POs). L-għażliet jistgħu jiġu kkombinati; • II-PO1 tipproponi l-iżvilupp ta' dokument ta' gwida mill-Kummissjoni dwar it-tikkettar diġitali. • II-PO2 tista' tinqasam f'ħames għażliet separati (2a – 2e), li jippermettu li jiġu pprovduti diversi ammonti ta' informazzjoni fuq tikketta diġitali. Skont l-għażliet kollha li jintroduċu t-tikkettar diġitali, l-għażla li l-informazzjoni magħżula tiġi ttikkettata fiżikament fuq prodott jew f'tikketta diġitali tibqa' fakultattiva. Kwalunkwe għażla li tintroduċi tikkettar diġitali tkompli tiskatta xi prinċipji fundamentali, sabiex tiproteġi lill-utenti finali u tiżgura l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-informazzjoni diġitali. Fl-aħħar nett, xi wħud mill-għażliet ta' hawn taħt jagħmlu distinzjoni bejn l-utenti professjonali u dawk mhux professjonali. Tali għażliet ġew inklużi peress li l-valutazzjoni tal-impatt sabet li <i>liema</i> informazzjoni l-utenti tal-prodott isibu essenzjali, kif ukoll il-mod <i>kif</i> jużaw it-tikketta, jiddependu fuq il-grupp ta' utenti (fejn utenti mhux professjonali, jiġifieri l-ġardinara li jipprattikaw bħala delizzju, li jaġixxu barra mill-ambitu ta' attività ekonomika, spiss ma jifhmux l-informazzjoni teknika tat-tikketta, u l-utenti professjonali jiddependu anqas fuq it-tikketti b'mod ġenerali). ○ II-PO2a tippermetti li <i>xi</i> informazzjoni tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali biss. ○ II-PO2b tippermetti li <i>xi</i> informazzjoni tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali biss, b'distinzzjoni bejn l-utenti professjonali u dawk mhux professjonali. ○ II-PO2c tippermetti li <i>l-biċċa l-kbira</i> tal-informazzjoni tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali biss. ○ II-PO2d tippermetti li <i>l-biċċa l-kbira</i> tal-informazzjoni tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali biss, b'distinzzjoni bejn l-utenti professjonali u dawk mhux professjonali. ○ II-PO2e tippermetti li <i>xi</i> informazzjoni tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali biss għall-utenti mhux professjonali, u <i>l-biċċa l-kbira</i> tal-informazzjoni tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali biss għall-utenti professjonali. • II-PO3 tippermetti li l-informazzjoni kollha tat-tikketta tiġi pprovduta b'mod diġitali għall-prodotti mibjugħa bl-ingrossa (mingħajr imballaġġ tal-prodott) u għall-prodotti mhux mibjugħa lill-utenti finali (eż. użati mill-utenti industrijali, bħal dawk li jfhalu, dawk li jippakkjaw, dawk li jippakkjaw mill-ġdid). L-għażla ppreferuta hija II-PO2a flimkien ma' PO3. Filwaqt li l-PO2a hija l-aktar kawta f'termini tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta biss b'mod diġitali, il-PO3 tkompli tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-effettività tas-soluzzjoni taż-żewġ problemi billi timmira lejn ċerti segmenti tas-suq fejn it-tikkettar diġitali jista' jiġi implimentat f'riskju baxx, b'impatt għoli. Dan il-pakkett ippreferut jiżgura l-aktar approċċ ibbilanċjat f'termini ta' kostijiet u benefiċċji filwaqt li l-aktar li jqis id-distakk diġitali¹.
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
L-attivitajiet ta' konsultazzjoni kkonfermaw appoġġ wiesa' għad-diġitalizzazzjoni ta' xi informazzjoni tat-tikketta. B'mod ġenerali, il-preferenza żgħira fost il-partijiet ikkonċernati tal-industrija kienet għall-PO2a u għall-PO2d (il-PO2d tippermetti li l-oġġla ammont ta' informazzjoni tat-tikketta jiġi ttrasferit għal tikketta diġitali). Id-differenza fil-preferenza għal dawn iż-żewġ għażliet tista' tiġi spjegata mil-livell differenti ta' diġitalizzazzjoni f'kumpaniji differenti (74 % tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika indikaw li diġà jipprovdu informazzjoni dwar il-

¹ Id-distakk diġitali jirreferi għad-distinzjoni bejn dawk li għandhom aċċess għall-internet u li jistgħu jagħmlu użu minn servizzi ġodda offriti fuq l-internet, u dawk li huma esklużi minn dawn is-servizzi.

prodott b'mod diġitali). Għad-diġitalizzazzjoni ġenerali tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, il-preferenza ġenerali tal-awtoritajiet pubbliċi kienet għall-PO2a u għall-PO2b, u b'mod partikolari bħala mudell għat-tranżizzjoni (jiġifieri sabiex gradwalment jaqilbu għal tikkettar aktar diġitali ladarba tinkiseb il-fiduċja). F'termini ta' PO2b, kien hemm xi nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali f'termini tal-fattibbiltà tal-applikazzjoni ta' distinzjoni bejn l-utenti professjonali u dawk mhux professjonali. Il-PO3 hija aċċettata b'mod wiesa' mill-partijiet ikkonċernati kollha (inklużi l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi u l-utenti tal-prodotti).
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-valutazzjoni tal-impatt tqis li l-benefiċċji annwali totali dovuti għall-kumpaniji skont il-pakkett ta' għażliet politiċi ppreferuti huma ta' EUR 6 857 għall-SMEs u ta' EUR 62 833 għall-kumpaniji l-kbar. L-iffrankar jikkompensa għall-kostijiet identifikati hawn taħt, u l-iffrankar tal-kostijiet huwa mistenni li jiżdied fit-terminu twil. Il-possibbiltà li tiġi pprovduta ċerta informazzjoni b'mod diġitali biss skont il-PO2a, u l-informazzjoni kollha b'mod diġitali għall-prodotti mibjugħa lill-operaturi ekonomiċi skont il-PO3, twassal għall-iffrankar tal-kostijiet għall-industrija minħabba li: - il-manifatturi, inklużi l-SMEs, jibqgħu liberi li jiddeċiedu jekk jużawx it-tikkettar diġitali. Konsegwentement, tali deċiżjoni tittieħed minn dawk il-manifatturi li jistmaw l-iffrankar tal-kostijiet mill-anqas fit-terminu medju jew dak twil; - it-tikketti diġitali jiswew anqas flus sabiex jiġu aġġornati, u għalhekk, fit-terminu twil, jista' jkun mistenni xi ffrankar minħabba l-istampar mill-ġdid anqas frekwenti tat-tikketti. Għalhekk, il-pakkett dwar l-għażla ppreferuta se jnaqqas il-kostijiet tat-tikkettar u se joħloq kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-operaturi ekonomiċi. Il-kostijiet tat-tikkettar se jitnaqqsu kemm billi jiġu inklużi aktar lingwi fuq it-tikketta kif ukoll billi jiġi evitat l-istampar mill-ġdid minħabba bidliet fit-tikketta. Il-valutazzjoni tal-impatt tikkonferma li aktar ma tista' tiġi pprovduta informazzjoni dwar it-tikketta b'mod diġitali (u b'mod partikolari informazzjoni li tinbidel malajr), aktar ikun kbir l-iffrankar tal-kostijiet għall-industrija. Dan huwa partikolarment ir-raġuni għaliex il-PO3 tipprovdri benefiċċji sostanzjali. It-tieni, skont il-PO2a, l-informazzjoni kollha relatata mas-sikurezza tinżamm fuq it-tikketta fiżika. Bit-tnaqqis tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fuq it-tikketta fiżika, l-informazzjoni dwar is-sikurezza se ssir aktar viżibbli, u b'hekk tikkontribwixxi għall-oġettiv tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Minħabba n-natura speċifika tal-prodotti koperti mill-PO3 (jiġifieri prodotti fi kwantitajiet kbar mingħajr imballaġġ, jew prodotti mfassla sabiex jiġu kkombinati u mħallta qabel ma jilħqu utent finali), l-għoti tal-informazzjoni kollha dwar il-prodott f'forma diġitali, inkluża l-informazzjoni dwar is-sikurezza, jitqies aċċettabbli f'dan il-każ. Fl-aħħar nett, dan il-pakkett ippreferut ta' għażliet huwa aktar faċli sabiex jiġi applikat u infurzat, peress li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn l-utenti professjonali u dawk mhux professjonali. Din id-distinzjoni ma teżistix fl-FPR innifsu. Din kienet timplika kemm li l-manifatturi kien ikollhom jimmiraw il-prodotti tagħhom lejn kategorija waħda jew oħra miż-żewġ kategoriji, kif ukoll li l-awtoritajiet tal-infurzar kien ikollhom jivverifikaw li l-prodotti għall-utenti professjonali ma jinbigħu lil utenti mhux professjonali.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-valutazzjoni tal-impatt tassemi li l-kostijiet tal-għoti ta' informazzjoni f'format diġitali għal kwalunkwe negozju speċifiku jkun bejn wiehded u ieħor identiċi għall-PO2a-PO2e, u għall-PO3. Minkejja li jġarrbu kostijiet ta' darba (eż. kostijiet għax-xiri tat-tagħmir li jaqra l-kodiċijiet QR, it-tfassil mill-ġdid tat-tikketti; stmati għal EUR 14 998 għal kumpaniji kbar u EUR 1 796 għall-SMEs) u kostijiet kontinwi (eż. taħriġ mill-ġdid għall-persunal, deprezzament tat-tagħmir u manutenzjoni ta' software u paġni tal-internet; stmati għal EUR 2 700 għal kumpaniji kbar, u EUR 1 170 għall-SMEs), il-PO2a flimkien mal-PO3 huma mistennija li jwasslu għall-iffrankar fil-kostijiet (kif spjegat fit-taqsimha preċedenti).
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
L-għażliet ta' politika li jiżvantaġġaw b'mod sproporzjonat lill-SMEs, pereżempju l-għażliet li jipproponu tikkettar

diġitali obbligatorju, ġew skartati fi stadju bikri tal-proċess ta' eżami. Il-PO2a flimkien mal-PO3 se jippermettu lill-SMEs jiksbu l-benefiċċji tal-era diġitali u se jirriżultaw fi tnaqqis potenzjali tal-piż, bl-istess mod bħal fil-każ ta' kumpaniji akbar. Madankollu, ta' min jinnota li meta mqabbla ma' kumpaniji kbar, l-SMEs huma anqas probabbli li jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti tagħhom online, iżda mhux b'ammonti sinifikanti. Abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, 70 % tal-SMEs meta mqabbla ma' 79 % tal-kumpaniji l-kbar diġà jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti tagħhom b'mod diġitali. Dan juri li l-benefiċċji bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' tikkettar diġitali volontarju x'aktarx li jkunu għall-SMEs. Jekk l-informazzjoni dwar it-tikketta tiġi permessa li tgħaddi minn tikketta fiżika għal tikketta diġitali dan jappoġġa l-kompetittività ta' dawk il-kumpaniji li għandhom sfidi fir-rigward tar-restrizzjonijiet spazjali tat-tikketti. It-tnaqqis tal-ammont ta' informazzjoni meħtieġa fuq it-tikketta fiżika jista' jtejjeb il-moviment liberu tal-prodotti fertilizzanti fis-27 pajjiż tal-UE kollha. Jekk ikunu jistgħu jiġu inklużi aktar lingwi fuq it-tikketti fiżiċi, billi xi informazzjoni tiġi ttrasferita taħt tikketta diġitali, dan ikun ifisser li jkun aktar kosteffettiv li l-prodotti jiġu ddistribwiti lil diversi pajjiżi tal-UE, li jappoġġa żieda fl-investiment u fl-ekonomiji ta' skala.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Le, għalkemm il-pajjiżi tal-UE jistgħu jiffaċċaw xi kostijiet ta' adattament sabiex jaġġustaw għar-Regolament il-ġdid. Madankollu, peress li diġà għandhom il-kompetenza diġitali u jitrattaw apparat diġitali fil-kapaċità professjonali tagħhom, dan mhux se jkun impatt/piż sinifikanti.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn? Ma ġie identifikat l-ebda impatt sinifikanti ieħor.
Proporzjonalità? L-għażla ppreferuta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma taqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi segwiti. Id-diġitalizzazzjoni tat-tikketti se tibqa' fakultattiva. Kull meta tintuża, din se tkun akkumpanjata mill-prinċipji ġenerali tat-tikkettar diġitali, sabiex jiġu żgurati l-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni pprovduta b'mod diġitali. B'mod konsistenti mal-approċċ li se jittieħed fuq it-tikkettar diġitali għas-sustanzi kimiċi (ir-Regolament CLP) u d-deterġenti, peress li l-esperjenza u l-fiduċja tinkiseb fit-tikkettar diġitali, jista' jkun possibbli li jiżdied l-ammont ta' informazzjoni disponibbli b'mod diġitali fil-futur, li jista' jkompli jżid il-potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-industrija.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika? Ir-regolament il-ġdid se jiġi evalwat bħala parti mill-evalwazzjoni ġenerali tal-funzjonament tal-FPR fl-2026.